VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,723, 7 ta' Frar, 2017

Taqsima B

A.L. 48 tal-2017

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili fl-Emissjonijiet Industrijali

BIS-SAĦĦA tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 54 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil tal-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili fl-Emissjonijiet Industrijali, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftieħmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili fl-Emissjonijiet Industrijali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 549.79

Jemenda r-regolament 6 tar-regolament prinċipali.

2. Il-paragrafu (a) tas-subregolament (5) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fir-rigward tas-sustanzi speċifikati fir-regolament 6(4), jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dak ir-regolament għal kull attività b'mod individwali;".